VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,185, 10 ta' Mejju, 2019
Taqsima B

A.L. 93 tal-2019

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
(KAP. 318)

Regolamenti tal-2019 dwar Żieda Perċentwali fir-Rata ta' Pensjoni Kontributorja għall-Irtirar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 84 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, il-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, bi ftehim mal-Ministru għall-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2019 dwar Żieda Perċentwali fir-Rata ta' Pensjoni Kontributorja għall-Irtirar.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fid-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2019.

Eliġibilità. Kap. 318.

2. (1) Kull persuna illi tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-artikolu 64A tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u li tagħżel li tibqa' f'impjieg assigurabbli jew taħdem għaliha nnifisha ma tieħux il-pensjoni msemmija fl-artikolu 64A tal-imsemmi Att meta ikollha dritt għaliha.

(2) L-imsemmija pensjoni għandha tkun qegħda tiġi rrinunzjata għal mhux inqas minn sena mid-data meta l-persuna jkollha dritt għaliha u tibqa f'impjieg assigurabbli jew taħdem għaliha nnifisha.

Rati perċentwali miżjuda.

3. Kull persuna li tirrinunzja għal pensjoni msemmija għal mhux inqas minn sena mid-data meta ssir eliġibbli tibda tibbenefika minn żieda fir-rata tal-pensjoni mid-data meta tiddeċiedi li tibda tirċievi l-pensjoni msemmija kif ġej:

(a) żieda ta' 5% jekk tieħu l-pensjoni wara sena;

(b) żieda ta' 10.5% jekk tieħu l-pensjoni wara sentejn;

(ċ) żieda ta' 16.5% jekk tieħu l-pensjoni wara tlett snin; u

(d) żieda ta' 23% jekk tieħu l-pensjoni wara erba' snin.

Kalkolu ta' kif tinħadem iż-żieda perċentwali.

4. Meta jsir il-kalkolu għall-finijiet li jiġi stabbilit l-ammont addizzjonali skont ir-rata bil-perċentwali miżjuda għandu jitqies dan li ġej:

(a) is-sena li fiha l-pensjoni kienet dovuta;

(b) ir-rata ta' pensjoni li kienet dovuta; u

(ċ) in-numru ta' snin li matulhom il-pensjoni ma tħallsitx.

Kundizzjonijiet oħra dwar kif titħallas din iż-żieda. Kap. 318.

5. (1) L-ammont addizzjonali li jirriżulta skont ir-regolament 4 jibqa' fiss u jibqa' jitħallas b'żieda mar-rata tal-pensjoni hekk kif maħduma kull sena skont it-Taqsima V tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

(2) L-ammont addizzjonali skont is-subregolament (1) jista' jitħallas lis-superstiti tal-benefiċjarju jekk is-superstiti jibbenefika minn pensjoni skont it-Taqsima IV tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali mħallsa wara l-mewt tal-benefiċjarju.

Kap. 318.